

Brussell, 21 ta' Awwissu 2025  
(OR. en)

12184/25

ENV 764  
ENT 137  
COMPET 808  
IND 306  
SAN 515  
CONSOM 154  
MI 590  
CHIMIE 74  
DELECT 105

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |
|-------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                                                                                                                                                                                                                  |
| data meta waslet: | 21 ta' Awwissu 2025                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                                                                                                                 |
| Nru dok. Cion:    | C(2025) 4797 final                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |
| Suġġett:          | REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...<br>ta'24.7.2025<br>li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-pollutanti organiċi persistenti etere tat-tetrabromodifenil, etere tal-pentabromodifenil, etere tal-eżabromodifenil, etere tal-ettabromodifenil u etere tad-dekabromodifenil |

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2025) 4797 final.

Mehmuż: C(2025) 4797 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 24.7.2025  
C(2025) 4797 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'24.7.2025**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-  
rigward tal-pollutanti organiċi persistenti etere tat-tetrabromodifenil, etere tal-  
pentabromodifenil, etere tal-eżabromodifenil, etere tal-ettabromodifenil u etere tad-  
dekabromodifenil**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

L-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2019/1021 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (“ir-Regolament dwar il-POPs”) jistabbilixxi li l-oġġettiv ta’ dak ir-Regolament huwa li jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent mill-Pollutanti Organiċi Persistenti (“POPs”) permezz tal-projbizzjoni, l-eliminazzjoni gradwali mill-aktar fis possibbli, jew ir-restrizzjoni tal-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta’ sustanzi soġġetti għall-Konvenzjoni ta’ Stokkolma dwar il-POPs.

L-eteri tat-tetrabromodifenil (tetraBDE), l-eteri tal-pentabromodifenil (pentaBDE), l-eteri tal-eżabromodifenil (hexaBDE), l-eteri tal-ettabromodifenil (heptaBDE) u l-eteri tad-dekabromodifenil (decaBDE) huma eteri tad-difenil polibromurat (PBDEs) u huma elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021. Skont l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament dwar il-POPs, kull entrata dwar l-eteri tad-difenil polibromurat fl-Anness I tinkludi limitu ta’ Kontaminant fi Traċċi Mhux Intenzjonat (UTC) ta’ 10 mg/kg (0,001 % skont il-piż) għall-preżenza tal-PBDE rispettiv fis-sustanzi. Barra minn hekk, l-Anness I fih valur ta’ limitu tal-UTC sa 500 mg/kg għas-somma tal-konċentrazzjonijiet tal-PBDEs elenkati kollha meta jkun preżenti f’taħlitiet jew f’oġġetti. Fil-punt 2 tar-raba’ kolonna ta’ kull entrata dwar PBDE, il-limitu tal-UTC għall-preżenza tal-PBDEs elenkati f’taħlitiet u f’oġġetti huwa soġġett għal rieżami.

B’segwitu għall-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/2400 li jemenda l-Annessi IV u V tar-Regolament dwar il-POPs għall-PBDEs *inter alia*, il-limitu ta’ konċentrazzjoni ta’ 1000 mg/kg għas-somma tal-konċentrazzjonijiet tal-PBDEs rilevanti fl-iskart jitnaqqas għal 500 mg/kg. Il-valur ta’ limitu jkompli jitnaqqas għal 350 mg/kg mit-30 ta’ Diċembru 2025 u għal 200 mg/kg mit-30 ta’ Diċembru 2027.

Il-PBDEs juru proprjetajiet persistenti u bjoakkumulattivi u għandhom il-potenzjal li jikkawżaw effetti avversi fuq il-bnedmin u l-organiżmi akkwatiċi. Dawn intużaw bħala ritardanti tal-fjammi f’firxa wiesgħa ta’ prodotti inkluż tagħmir elettriku u elettroniku, tessuti u fowms.

Fil-biċċa l-kbira, il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-PBDEs fl-Unjoni ġew gradwalment eliminati. Il-pentaBDE u l-octaBDE kummerċjali kienu oriġinarjament ristretti fl-Unjoni fl-2003<sup>1</sup> filwaqt li l-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq u l-użu tad-decaBDE kienu ġew ristretti skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta’ sustanzi kimiċi (“REACH”), minn Marzu 2019 sa Jannar 2021 b’ċerti eżenzjonijiet. Il-konġeneri tal-pentaBDE kummerċjali (tetra- u pentaBDE) u l-octaBDE kummerċjali (hexa- u heptaBDE) ġew elenkati fl-Anness A tal-Konvenzjoni ta’ Stokkolma fl-2009 filwaqt li d-decaBDE ġie elenkat fl-2017.

Minħabba l-attivitajiet ta’ riċiklaġġ tal-passat u daww attwali, il-PBDEs iseħħu f’materjali rkuprati u fi prodotti magħmula minn materjali rkuprati, inklużi ġugarelli, aċċessorji tax-xaġhar, utensili tal-kċina u prodotti oħra għall-pubbliku ġenerali. Għadd ta’ studji eżaminaw

---

<sup>1</sup> ĠU L 177, 6.7.2002, p. 21; Id-Direttiva 2003/11/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Frar 2003 li temenda għar-raba’ u għoxrin darba d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-marketing u l-użu ta’ ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi (eteri pentabromodifenil, eteri octabromodifenil).

il-preżenza ta' PBDEs f'oġġetti għall-pubbliku ġenerali magħmula minn plastik irkuprat u primarjament identifikaw id-decaBDE.

It-tekniki analitiċi użati biex jiġi ddeterminat il-kontenut tal-bromu huma l-ispettroskopija tal-fluorexxenza tar-raġġi X (XRF) (għall-iskrinjar rapidu u regolari ta' kull lott) u l-kromatografija b'fażi gassuża — l-ispettrometrija tal-massa (GC-MS) (tipikament fuq bażi pprogrammata biss). Skont studju<sup>2</sup> li jappoġġa l-valutazzjoni tal-impatti assoċjati mar-rieżami tal-valuri ta' limitu li japplikaw għall-iskart għall-POPs elenkati fl-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021, il-potenzjal analitiku tal-metodu XRF huwa ta' 30 mg/kg ta' bromu, li jikkorrispondi għal madwar 5 mg/kg ta' PBDEs elenkati bħala POPs, filwaqt li dak tal-GC-MS huwa ta' 0,1 mg/kg.

Meta jitqies li l-oġġettiv tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma u tar-Regolament dwar il-POPs huwa li tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mill-pollutanti organiċi persistenti, li l-aspetti relatati mar-riċiklaġġ tal-iskart li fih il-PBDEs elenkati bħala POPs jeħtieġ li jitqiesu fil-kuntest tal-ekonomija ċirkolari, li l-limitu ta' konċentrazzjoni tal-Anness IV għas-somma tal-PBDEs elenkati tnaqqas għal 500 mg/kg u se jkompli jitnaqqas għal 350 mg/kg u 200 mg/kg mit-30 ta' Diċembru 2025 u mit-30 ta' Diċembru 2027, rispettivament, u li ma hemm l-ebda restrizzjoni analitika immedjata għal tnaqqis sinifikanti tal-valur ta' limitu tal-UTC fl-Anness I, il-Kummissjoni tipproponi li jiġu stabbiliti valuri ta' limitu differenti tal-UTC għat-taħlitiet u l-oġġetti magħmulin minn jew li jkun fihom materjal rkuprat u taħlitiet u oġġetti oħra li jkun fihom il-PBDEs elenkati.

## 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

L-esperti maħtura mill-Istati Membri kienu involuti f'diskussjonijiet preliminari u ġew ikkonsultati dwar l-abbozz tal-att delegat f'diversi laqgħat tal-grupp ta' esperti tal-POPs (il-“laqgħa tal-POP CA”) fit-8 ta' Ġunju u fit-23 ta' Novembru 2021, fit-2 ta' Ġunju u fl-24 ta' Novembru 2022, fid-29 ta' Novembru 2023, fis-7 ta' Ġunju 2024, fit-13 ta' Settembru 2024 u fid-29 ta' Novembru 2024 u tqiesu l-kummenti tagħhom. Il-partijiet ikkonċernati rilevanti hađu sehem ukoll fid-diskussjonijiet matul dawki il-laqgħat u tqiesu l-kummenti tagħhom. Saret konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tal-att delegat mit-18 ta' Frar sat-18 ta' Marzu 2025. Waslu kummenti minn seba' organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjoni ambjentali waħda, 4 partijiet ikkonċernati mill-industrija u 4 ċittadini. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-organizzazzjoni ambjentali appoġġaw it-tnaqqis tal-valur ta' limitu tal-UTC. Ġeneralment dawn sejhju għal valur ta' limitu tal-UTC ta' 10 mg/kg għat-taħlitiet u l-oġġetti kollha u saħqu biex il-valuri ta' limitu jiġu adottati malajr. Parti kkonċernata mill-industrija waħda appoġġat il-valur ta' limitu tal-UTC imnaqqas, filwaqt li oħra saħqet biex dan jinżamm fil-valur ta' 1000 mg/kg. It-tielet parti kkonċernata mill-industrija ssuġġeriet li d-data tal-applikazzjoni għall-valur ta' limitu ta' 200 mg/kg tiġi posposta mill-2027 għall-2030. Ċittadin wiehied appoġġa l-valuri ta' limitu tal-UTC imnaqqsa, filwaqt li ieħor ikkritika l-intervenzjoniżmu. Filwaqt li qieset l-informazzjoni kollha disponibbli, inkluż dik li waslet mill-konsultazzjonijiet varji mal-grupp ta' esperti tal-POPs, il-Kummissjoni kkonkludiet li tipproċedi bl-att delegat kif propost oriġinarjament.

<sup>2</sup> [Study to support the assessment of impacts associated with the review of limit values in waste for POPs listed in Annexes IV and V of Regulation \(EU\) 2019/1021 — Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE \(europa.eu\)](https://europea.eu)

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT**

L-att delegat jimmodifika l-entrati eżistenti għall-etere tat-tetrabromodifenil (tetraBDE), l-etere tal-pentabromodifenil (pentaBDE), l-etere tal-eżabromodifenil (hexaBDE), l-etere tal-ettabromodifenil (heptaBDE) u l-etere tad-dekabromodifenil (decaBDE) fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 sabiex jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku. Il-bażi legali tal-att delegat hija l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'24.7.2025

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-pollutanti organiċi persistenti etere tat-tetrabromodifenil, etere tal-pentabromodifenil, etere tal-eżabromodifenil, etere tal-ettabromodifenil u etere tad-dekabromodifenil**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/1021 jimplimenta l-impenji tal-Unjoni skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar il-Pollutanti Organiċi Persistenti<sup>2</sup> ("il-Konvenzjoni") u skont il-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini u fit-Tul tal-Arja fuq Pollutanti Organiċi Persistenti<sup>3</sup>.
- (2) Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2019/1021, il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament, sew jekk waħedhom, sew jekk f'taħlitiet jew f'oġġetti, huma pprojbiti, soġġett għall-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament.
- (3) L-etere tat-tetrabromodifenil (tetraBDE), l-etere tal-pentabromodifenil (pentaBDE), l-etere tal-eżabromodifenil (hexaBDE), l-etere tal-ettabromodifenil (heptaBDE) u l-etere tad-dekabromodifenil (decaBDE) (flimkien "eteri tad-difenil polibromurat elenkati", "PBDEs elenkati") huma elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 b'valur ta' limitu ta' kontaminanti fi traċċi mhux intenzjonati (UTC) ta' 500 mg/kg għas-somma tal-konċentrazzjonijiet tal-ħames sustanzi meta jkunu preżenti fit-taħlitiet jew fl-oġġetti. Dan il-valur ta' limitu tal-UTC huwa soġġett għal rieżami mill-Kummissjoni.
- (4) Ir-Regolament (UE) 2022/2400 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup> inaqqas il-limitu ta' konċentrazzjoni fl-iskart għas-somma ta' tetraBDE, pentaBDE, hexaBDE,

<sup>1</sup> ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1021/oj>.

<sup>2</sup> ĠU L 209, 31.7.2006, p. 3.

<sup>3</sup> Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini u fit-Tul tal-Arja fuq Pollutanti Organiċi Persistenti (ĠU L 81, 19.3.2004, p. 37, ELI: <http://data.europa.eu/eli/prot/2004/259/oj>).

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/2400 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 li jemenda l-Annessi IV u V tar-Regolament (UE) 2019/1021 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 24, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2400/oj>).

heptaBDE u decaBDE għal 500 mg/kg mill-10 ta' Ġunju 2023, għal 350 mg/kg mit-30 ta' Diċembru 2025 u għal 200 mg/kg mit-30 ta' Diċembru 2027.

- (5) Fil-bieċa l-kbira, il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-PBDEs fl-Unjoni għew gradwalment eliminati. Madankollu, minħabba attivitajiet ta' riċiklaġġ tal-passat u dawk attwali, is-sustanzi jokkorru fi prodotti magħmula minn materjali rkuprati, inklużi prodotti għall-pubbliku ġenerali.
- (6) Jenħtieġ tingħata attenzjoni partikolari lill-prodotti għall-kura tat-tfal u l-ġugarelli fid-dawl tal-esponiment potenzjali għall-PBDEs elenkati li jinsabu fihom. Sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni fejn l-PBDEs elenkati jistgħu jkunu preżenti b'mod mhux intenzjonat fi prodotti għall-kura tat-tfal u ġugarelli manifatturati minn materjal irkuprat, huwa ġġustifikat li għalihom jiġi stabbilit valur ta' limitu ta' kontaminant fi traċċa mhux intenzjonat.
- (7) B'kont meħud tal-oġġettiv tar-Regolament (UE) 2019/1021 li jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent minn pollutanti organiċi persistenti billi jipprojbixxi, jelimina gradwalment malajr kemm jista' jkun, jew jirrestrinġi l-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu tagħhom, u b'kont meħud tal-fatt li l-PBDEs elenkati jokkorru prinċipalment f'materjali rkuprati, u tal-limitu ta' detezzjoni tal-metodi ta' determinazzjoni rilevanti, jenħtieġ li jiġi stabbilit valuri ta' limitu tal-UTC għat-taħlitiet u l-oġġetti magħmulin minn jew li jkun fihom materjal rkuprat u taħlitiet u oġġetti oħra li jkun fihom il-PBDEs elenkati. Il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel soġġetti għar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup> jenħtieġ li jiġu esklużi minn dan ir-Regolament peress li l-PBDEs elenkati fil-prinċipju jenħtieġ li ma jkunux preżenti fil-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 10/2011<sup>6</sup> u mar-Regolament (UE) 2022/1616<sup>7</sup>.
- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1021 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

<sup>5</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE (ĠU L 338, 13/11/2004, p. 4, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2004/1935/oj>).

<sup>6</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011 tal-14 ta' Jannar 2011 dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel (ĠU L 12, 15.1.2011, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/10/oj>).

<sup>7</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1616 tal-15 ta' Settembru 2022 dwar materjali u oġġetti tal-plastik riċiklat maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 282/2008 (ĠU L 243, 20.9.2022, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/1616/oj>).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24.7.2025

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*